

IL-BAĠIT TAL-EWROPA

KOMPETITTIVITÀ

LULJU 2025

L-Ewropa hija ċentru ta' innovazzjoni, xjenza u industrija, iżda qed tiffaċċja kompetizzjoni globali iebsa. Biex tibqa' kompetittiva u tkun minn ta' quddiem fit-teknoloġija, l-UE teħtieġ investiment pubbliku aktar b'saħħtu u aktar iffukat biex jiġu appoġġati n-negozji u jiġi attirat finanzjament privat tul il-perkors kollu tal-investiment.

Il-bagıt il-ġdid kif jagħti spinta lill-kompetittività?



Jappoġġa r-rwol tal-UE ta' tmexxija f'setturi ewlenin:

- It-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u d-dekarbonizzazzjoni industrijali;
- Is-saħħa, il-bijoteknoloġija, l-agrikoltura u l-bijoeconomija;
- It-tmexxija diġitali;
- Ir-reżiljenza u s-sigurtà, l-industrija tad-difiża u l-ispazju.



Niżguraw li t-teknoloġiji strateġiċi jkunu magħmula fl-Ewropa



Niżguraw li r-riċerka tasal fis-suq



Insaħħu l-kompetittività permezz tal-innovazzjoni

X'qed tipproponi l-Kummissjoni?

1

Il-Fond Ewropew għall-Kompetittività biex ikun hemm unità fil-finanzjament u jissaħħu s-setturi ewlenin

2

Rabta qawwija ma' Orizzont Ewropa biex ikun hemm appoġġ bla xkiel għar-riċerka u l-innovazzjoni

3


Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-appoġġ tal-proġetti transfruntiera

4

Kompetittività bħala prijorità fil-programm Ewropa Globali

X'hemm ġdid?

- Aktar finanzjament għall-kompetittività u r-riċerka meta mqabbel mal-2021–2027, li jammonta għal €451 biljun
- Finanzjament aktar strutturat u simplifikat
- Sett ta' għodod finanzjarji flessibbli inklużi għotjiet, ekwità, dejn, akkwist u coaching għan-negożji



Il-baġit tal-UE kif se jagħmel differenza?



Jintroduċi preferenza Ewropea fis-setturi strateġiċi



Jappoġġa l-investiment mir-riċerka għas-suq għall-produzzjoni globali



Jerġa' jalloka l-fondi b'mod flessibbli, jekk meħtieġ, biex jinħatfu opportunitajiet ġodda u jiġu indirizzati r-riskji emerġenti



Jipprovdi għodod finanzjarji innovattivi biex jitnaqqsu r-riskji tal-investimenti u jiġi massimizzat l-impatt tal-baġit tal-UE



Jiffaċilita aċċess aktar faċli għall-finanzjament għall-SMEs, għall-istart-ups u għall-iscale-ups bi proċeduri aktar rapidi u Siġill komuni għall-kompetittività